Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods
www.languages.dk

# Gwida

# għall-Kors

# tal-Metodi

(*The Methods Course Guide*)

This project has been funded with support from the European Commission. This publication reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use, which may be made of the information contained therein.

## Ftuħ

Tradizzjonalment it-tagħlim nafuh skont il-kotba u t-testi wżati f'suġġetti differenti, inkluż it-tagħlim tal-lingwa. Matul l-aħħar 50 sena l-edukazzjoni telqet minn metodu ta' Grammatika-Dettatura għall-awdjo-viżwal, u għall-wieħed Komunikattiv. Il-proġett tal-METODI (*Methods*) jesplora 5 metodi differenti għat-tagħlim tal-lingwa billi juża l-aspett komunikattiv, li sfortunatament mhuwiex mifrux daqstant fit-tagħlim. F'ċerti sitwazzjonijiet, ngħidu aħna fi Skejjel Vokazzjonali, għad hemm nuqqas ta' materjal għal tagħlim b'mod komunikattiv ta' Ingliż prattiku.

F'kull kors mibni biex jiġi mgħallem xi wieħed mill-Metodi, hu importanti li jintuża l-aspett komunikattiv tal-Metodi. Prattikament dan jista' jsir billi wieħed jagħmilha ċara li l-korsijiet ma jkunux mgħallma qishom xi seminar tas-soltu, imma bħala workshops jew diskussjoni u xogħol prattiku fi grupp, fejn il-kunċetti ewlenin jibnu t-tagħlim b'mod prattiku, marbut mal-esperjenza mill-ħajja ta' kuljum u interattiv, jiġifieri wieħed jitgħallem bil-prattika u billi tinħoloq diskussjoni miż-żewġ naħat.

Il-Metodi għandhom jittellgħu dwar attivitajiet fejn il-parteċipanti jgħaddu mill-proċess tat-tagħlim huma nfushom. Mela ara li tuża istruzzjonijiet qosra, filwaqt li tħalli ħin biex wieħed jipprova u jevalwa. Kull preżentazzjoni bl-islajds għandha tkun ċara u konċiża bla ma tieħu wisq ħin mid-diskussjoni fil-grupp.

Tista' tippjana kors ta' taħriġ għall-għalliema b'modi differenti:

1. Kors jista' jsir f'daqqa, ħaġa wara l-oħra, jew jitqassam f'moduli f'perjodi differenti.

2. Kors jista' jiġi ppjanat bil-parteċipanti kollha preżenti wiċċ imb wiċċ jew b'taħlita ta' dawk preżenti ma' oħrajn *on-line* billi jintuża tagħlim imħallat (*blended learning*). Tista' wkoll tagħżel li tagħmel biss numru ta' Metodi għal kors partikolari.

3. Parti essenzjali tal-korsijiet hi li jingħata taħriġ lill-parteċipanti wara l-kors attwali. Il-parteċipanti jridu jippruvaw wieħed jew aktar mill-metodi fil-klassijiet tagħhom stess.

Hu kruċjali li tara xi jkunu għamlu l-parteċipanti u li jingħata feedback fuq dak ix-xogħol. Dan kollu jista' jsir b'modi differenti minn min jagħmel il-kors. Tista':

- taqbeż qabża ħalli tara x'ħa parteċipant,

- jew tara xi jkun qiegħed jagħmel dak il-ħin minn webcam,

- jew tara dan minn vidjo tal-lezzjoni.

L-iktar importanti hu li tara xi jkunu qegħdin jagħmlu l-parteċipanti u li tagħtihom il-kummenti tiegħek dwar l-attivitajiet tagħhom fil-klassi. L-għodda ta' komunikazzjoni hi f'idejk. Meta tippjana u tagħti kors, ikkonsidra dawn il-punti li ġejjin:

**L-Ippjanar tal-Kors**

| **Xi mistoqsijiet** | **X'jista' jsir** |
|---|---|
| Għandna ninkludu l-metodi kollha? | Le – tista' tinkludi wieħed jew aktar jew il-metodi kollha. Ara liema metodi huma l-aktar ta' ħtieġa għall-udjenza tiegħek. |
| Hemm xi numru minimu ta' parteċipanti? | Le. F'każ ta' numru kbir ta' parteċipanti ara li jkollok spazju biżżejjed fejn tagħmel l-attivitajiet tiegħek, jiġifieri spazju fejn il-parteċipanti jistgħu jiċċaqalqu. Għall-kors tal-CALL (Computer Assisted Language Learning), ara li tgħid lill-parteċipanti jġibu leptop jew tipprovdilhom kompjuter int. Teħtieġ ukoll router għal tmienja min-nies u wide internet broadband. |
| Kemm għandu jkun twil kors? | Jiddependi mill-metodi li tkun qiegħed tgħallem. |
| Liema riżorsi huma meħtieġa biex tagħmel kors? | 1. Hemm xi riżorsi fuq is-sit elettroniku tal-Metodi (ara Ready to Use Materials fuq |

| | |
|---|---|
| | http://languages.dk/methods/index.html#Materials prepared for the CALL courses), u fil-Manwali.<br><br>2. Hemm ukoll xi filmati li juruk kif.<br><br>3. Hemm ukoll PowerPoints għal kull wieħed mill-5 Metodi u li dawn jistgħu jintużaw kif inhuma, jew addattati skont l-udjenza tiegħek. Qis li żżomm qosra dawn il-preżentazzjonijiet bl-islajds biex tħalli ħin biżżejjed għall-attivitajiet marbuta mal-Metodi.<br><br>Qis is-sit www.languages.dk bħala ħażna ta' materjali li tista' tagħmel użu minnhom, u li jistgħu jispirawk biex tipprova xi affarijiet u attivitajiet ġodda mal-istudenti jew il-kollegi tiegħek. |
| **Xi mistoqsijiet** | **X'jista' jsir** |
| Kif għandu jkun mibni kors? | Il-Metodi jistgħu jitfasslu fuq sistema ta' moduli. Għal kull modulu tista' tintuża din l-istruttura:<br><br>1. Ftuħ (b'xi forma ta' logħba biex wieħed isir jaf lil xulxin).<br><br>2. L-għan tal-kors.<br><br>3. Attivita' li tuża l-metodu li qiegħed jiġi mgħallem.<br><br>4. Analiżi tal-Metodu u diskussjoni tal-esperjenza tal-għalliema meta wżaw il-metodu.<br><br>5. Ġabra tal-punti ewlenin bl-użu ta' preżentazzjoni bl-islajds. |

| | |
|---|---|
| | **It-3, ir-4 u l-5 punt jistgħu jsiru f'ordni oħra.**<br><br>Hekk kif jitlesta kors tal-Metodi, għandhom isiru dawn:<br><br>6. Evalwazzjoni tal-Kors (ara Appendiċi A).<br><br>7. Tnehdija ta' miri biex jintuża l-Metodu/i ġodda fil-klassijiet tagħhom stess (Pjan ta' Azzjoni ta' Żvilupp Personali (ara Appendiċi Ċ).<br><br>8. Kordinazzjoni ta' kif se tara xi jkun qiegħed isir mill-għalliema fil-klassi tagħhom stess.<br><br>9. Preżentazzjoni taċ-ċertifikati. |
| Kif għandha ssir l-evalwazzjoni? | Il-kors innifsu għandu jkollu sessjoni ta' evalwazzjoni mill-parteċipanti (Appendiċi A) li fiha jkunu jistgħu jiddiskutu l-evalwazzjoni tagħhom tal-Metodu/i.<br><br>Għandu jkun hemm ukoll evalwazzjoni min-naħa tal-istudenti tagħhom stess meta jkunu qegħdin jagħmlu l-metodi fil-klassi. Ara isfel għal aktar informazzjoni fuq feedback u follow-up. |

**Evalwazzjoni ta' wara u ggwidar:**

| **Xi mistoqsijiet** | **X'jista' jsir** |
|---|---|
| Kif tista' tagħti feedback u tagħmel follow-up? | 1. Wara ftit li jsir il-kors, tajjeb li tikkuntattja l-parteċipanti b'imejl ħalli tara jekk ippruvawx xi metodu u tara x'feedback ħadu mill-istudenti tagħhom. (ara Appendiċi B għall-karta ta' evalwazzjoni mill-istudent). |

| | |
|---|---|
| | Ifhem li l-għalliema jistgħu jeħtieġu aktar għajnuna jew parir. Jista' jinħalaq grupp ta' Skype call biex l-għalliema jiddiskutu l-esperjenzi tagħhom.<br><br>2. Jista' jinħalaq forum fejn l-għalliema jiddiskutu l-esperjenzi tagħhom, jitkellmu dwar l-evalwazzjonijiet tal-istudenti tagħom, u mbagħad jgħinu lil xulxin bis-suġġerimenti.<br><br>3. Jekk ikun possibbli tista' żżur l-iskola tal-parteċipant u tosserva l-lezzjonijiet bl-użu tal-metodi l-ġodda, u tagħti feedback.<br><br>4. Mod ieħor hu li tara l-lezzjoni fuq l-iSkype jew titlob rikording tal-lezzjoni li jitqiegħed ġo fowlder fid-Dropbox. |

L-iskeda hawn taħt hi biss eżempju wieħed ta' kif jista' jinbena kors.

*Eżempju ta' kif jista' jiġi ppjanat kors għat-taħriġ tal-għalliema tal-ħames metodi*

| **Kors ta' tlett ijiem bil-follow-up** | | | |
|---|---|---|---|
| *L-Ewwel Jum* | *It-Tieni Jum* | *It-Tielet Jum* | *Follow-up (fi żmien miftiehem wara li jkun sar il-kors)* |
| Ftuħ (15-il min)<br><br>Metodu (1) – eżempju ta' attivita'/attivitajiet – Tagħlim ibbażat fuq taħriġ (90 min)<br><br>Diskussjoni dwar l- | Ftuħ (15-il min) Preżentazzjoni ta' eżempji ta' Metodu (3)<br>CALL (20 min)<br><br>Eżempju ta' attivita' marbuta mal-Metodu | Ftuħ (15-il min)<br><br>Metodu (4) – eżempju ta' attivita'/attivitajiet – Simulazzjonijiet (90 min)<br><br>Diskussjoni dwar l- | Il-parteċipanti jippreparaw il-klassijiet tagħhom stess biex jippruvaw il-Metodi. L-istudenti tagħhom għandhom jagħtu evalwazzjoni tal-attivitajiet |

| | | | |
|---|---|---|---|
| effikaċja tat-teknika (20 min)<br><br>Ġabra tal-punti ewlenin tal-Metodu tat-tagħlim ibbażat fuq taħriġ fi preżentazzjoni bl-islajds (10 min)<br><br>Metodu (2) eżempju ta' attivita'/attivitajiet – PhyEmoC (90 min)<br><br>Diskussjoni dwar l-effettivita' tat-teknika (20 min)<br><br>Ġabra tal-punti ewlenin tal-Metodu fi preżentazzjoni bl-islajds (PhyEmoC) (10 min)<br><br>Evalwazzjoni ta' wara (45 min)<br><br>Tmiem l-ewwel jum | *CLILstore design* Il-parteċipanti joħolqu l-*CLILstore unit* tagħhom stess (90 min)<br><br>Turija ta' taħriġ differenti bil-Hot Potatoes, bil-parteċipanti joħolqu taħriġ tagħhom stess biex jiżdied mal-*CLILstore unit* tagħhom (3 sigħat)<br><br>Evalwazzjoni ta' wara (45 min)<br><br>Tmiem it-tieni jum | effikaċja tat-teknika (20 min)<br><br>Ġabra tal-punti ewlenin tal-Metodu permezz ta' preżentazzjoni bl-islajds (Simulazzjonijiet) (10 min)<br><br>Preżentazzjoni ta' Metodu (5) (E-Tandem) (15-il min)<br><br>Eżempju ta' attivita' marbuta mal-Metodu u warajha preżentazzjoni bl-islajds (60 min)<br><br>Preparazzjoni ta' taħriġ differenti marbut mal-Metodi magħmul mill-parteċipanti għall-klassi tagħhom<br>- agħżel metodu<br>- agħżel klassi<br>- agħżel attivita'<br>- agħżel topik<br>(120 min)<br><br>Evalwazzjoni ta' wara (45 min)<br><br>Evalwazzjoni finali tal-kors (30 min)<br><br>Tmiem it-tielet jum<br><br>Preżentazzjoni taċ- | ippruvati.<br><br>Il-parteċipanti jitkellmu mal-għalliem tal-kors (u l-kollegi tagħhom).<br><br>Jingħataw kummenti mill-għalliema tal-kors. Dan jista' jsir wiċċ imb wiċċ jew b'mod virtwali bħal ngħidu aħna imejl, Skype u l-bqija. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | ċertifikati (15 min) | |

Tista' wkoll tiddeċiedi li l-ewwel tippreżenta l-metodu imbagħad tagħmel attivita' biex turi kif jaħdem.

## Appendiċi A **Stħarriġ dwar il-Metodi – Għalliema**

Kif tiddeskrivi l-istudenti tiegħek / tiddefinixxi il-grupp magħżul:

| Primarju | Sekondarju | Universitarju | Adult | Ieħor (Speċifika) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Jekk jogħġbok speċifika liema Metodu/i wżajt:

| PhyEmoC | Tagħlim Ibbażat fuq Taħriġ (TBL) | Simulazzjonijiet | Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna ta’ Kompjuter (CALL) | e-Tandem |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Jekk jogħġbok wieġeb dawn il-mistoqsijiet, billi tagħti marka minn 1 sa 5, li jissarfu hekk:

*1 = mhux sodisfaċenti għall-aħħar;* *2 = mhux sodisfaċenti;* *3 = sodisfaċenti;*
*4 = tajjeb;* *5 = eċċellenti;* *6 = ma nafx*

1. Kif tevalwa l-apparat provdut (kompjuters, aċċess għall-internet ...)? ___

2. Kif tikklassifika l-kwalita’ tal-materjal użat? ___

3. Kemm kienu ċari l-istruzzjonijiet? ___

4. Kif tikklassifika l-ħin allokat biex isir it-taħriġ? ___

5. Kif tikklassifika l-kwalita’ tal-preżentazzjonijiet bl-islajds? ___

6. Kif tikklassifika l-effikaċja tal-metodi ta’ tagħlim differenti? (Immarka minn 1 sa 5)

| PhyEmoC | Tagħlim Ibbażat fuq Taħriġ (TBL) | Simulazzjonijiet | Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna ta’ Kompjuter (CALL) | e-Tandem |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

7. Liema minn dawn il-metodi kienu ġodda għalik?

| PhyEmoC | Tagħlim Ibbażat | Simulazzjonijiet | Tagħlim tal- | e-Tandem |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | fuq Taħriġ (TBL) | | Lingwa bl-Għajnuna ta' Kompjuter (CALL) | |
| | | | | |

8. Liema minn dawn il-Metodi taħseb li se tuża 'l quddiem?

| | PhyEmoC | Tagħlim Ibbażat fuq Taħriġ (TBL) | Simulazzjonijiet | Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna ta' Kompjuter (CALL) | e-Tandem |
|---|---|---|---|---|---|
| Darba - darbtejn fis-sena | | | | | |
| Darba - darbtejn fix-xahar | | | | | |
| Darba fil-ġimgħa | | | | | |
| Qatt | | | | | |
| Ieħor (Speċifika) | | | | | |

9. X'għoġbok l-aktar mill-workshop?

| |
|---|
| |

10. X'seta' sar aħjar?

| |
|---|
| |

## Appendiċi B **Stħarriġ tal-Metodi – Studenti**

Jekk jogħġbok speċifika fejn qiegħed tistudja l-Ingliż:

| Skola Sekondarja | Skola Vokazzjonali | Universita' | Oħra (Speċifika) |
|---|---|---|---|
| | | | |

Jekk jogħġbok speċifika l-Metodu/i wżat/i:

| PhyEmoC | Tagħlim Ibbażat fuq Taħriġ (TBL) | Simulazzjonijiet | Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna ta' Kompjuter (CALL) | e-Tandem |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Jekk jogħġbok wieġeb dawn il-mistoqsijiet, billi tagħti marka minn 1 sa 5, li jissarfu hekk:

*1 = mhux sodisfaċenti għall-aħħar;* *2 = mhux sodisfaċenti;* *3 = sodisfaċenti;*
*4 = tajjeb;* *5 = eċċellenti;* *6 = ma nafx*

1. Kif tevalwa l-apparat provdut (kompjuters, aċċess għall-internet ...)? ___
2. Kif tikklassifika l-kwalita' tal-materjal użat? ___
3. Kemm kienu ċari l-istruzzjonijiet mogħtija mill-għalliem? ___
4. Kif tikklassifika l-ħin allokat biex isir it-taħriġ? ___
5. Kif tiddeskrivi din it-tip ta' lezzjoni? ___
6. X'jogħġbok l-aktar dwar il-lezzjoni?

| |
|---|
| |

7. X'seta' kien aħjar?

## Appendiċi Ċ **Pjan ta' Azzjoni ta' Żvilupp Personali**

**L-Iżvilupp Kontinwu Tiegħek jitlob minnek li tipprova xi wħud mill-ideat li tgħallimt matul dan il-kors.**

**Hawn għandek mudell li tista' tuża biex tfassal Pjan ta' Azzjoni għal dan.**

**Agħżel ftit oqsma li taħseb li tixtieq tipprova mal-klassi tiegħek. Qegħedhom fl-ordni li tixtieq tippruvahom fil-klassi regolari tiegħek.**

1. ______________________________
2. ______________________________
3. ______________________________
4. ______________________________
5. ______________________________

**Agħmel skeda li tkopri dati sa meta għandhom jitlestew l-oqsma magħżula.**

Data
- Metodu
- Attivita'

Data
- Metodu
- Attivita'

Data
- Metodu
- Attivita'

Data
- Metodu
- Attivita'